# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2610

Każ numru : 3566/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Joseph Cutajar
(ID 485462M)
u
Malta Public Transport Services
(Operations) Ltd
(C48875)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

**Chairman: James Henry Pearsall**

**Illum : 15 ta' Lulju, 2019**

**(1) Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentat minn Joseph Cutajar lit-Tribunal Industrijali nhar is-27 ta' Gunju 2017 fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kinitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta).

Min-naha tal-Malta Public Transport Services (Operations) Ltd (MPTSOL), fir-risposta taghha tal-25 ta' Ottubru 2017, in vista tas-suespost, tirrespingi bis-sahha kollha u fl-intier taghhom l-allegazzjonijiet tas-Sur Cutajar bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi t-tkeccija tar-rikorrenti saret ghal raguni gusta u sufficjenti ai termini tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tichad it-talbiet tieghu fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-appellant.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ppreżentati miż-żewġ partijiet, żamm sittax (16) –il seduta, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa in konsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-Liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba miz-zewg partijiet kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**(2) Ir-rapprezentanza:**

**Joseph Cutajar** li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent u li kien assistit mill-Avukat Dr Andrew Grima

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited MPTSOL** li min issa 'l quddiem ser tissejjah is-socjeta' ntimata kienet rapprezentata mill-Avukat Dr Thomas Bugeja u mill-Avukat Dr Paul Gonzi.

**(3) Il-fatti tal-kaz fil qosor:**

Is-Sur Joseph Cutajar kien impjegat mas-socjeta' ntimata bhala *Stores Supervisor* mis-27 ta'Mejju 2014, fuq bazi indefinita.
Fit-8 ta' Frar 2017 allegatament kien involut f'diverbju ma' kollega fuq il-post tax-xoghol. Sussegwentament inharget charge letter, u wara process ta' dixxiplina fejn gie allegat uzu ta' vjolenza fuq il-post tax-xoghol hu gie nfurmat permezz ta' "Letter of dismissal" li l-impieg tieghu gie tterminat b'mod effettiv fis-17 ta' Marzu 2017.

**(4) Lista ta' xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent ( lista annessa mar-rikors datat 27/06/2017 )
**4.2** Xhieda mressqa mis-socjeta' ntimata ( lista annessa mar-risposta datata 25/10/207)

**(5) Lista ta' dokumenti:**

Gewipprezentati numru ta' dokumenti:
Min-naha tar-rikorrent Dok JC1; JC2;
Min-naha tas-socjeta intimata Dok MPT minn 1 sa 18.

**(6) Gabra fil-qosor tax-xhieda** :

**Alberto Rodil** fix-xiehda tieghu " *Yes,yes. I was,they was fighting between them, fighting not fighting"*
Ghal mistoqsija ta' **l-Avv A. Grima "** *Were they fighting?? Were they physically fighting***"** (Rif Sed 29/01/2018 pag15).
**A.Rodil** *" No, no pyhisical fighting no" :* *" Fighting was not fight, a real fight you know"* (pag 15).
Ghal mistoqsija ta' **l-Avv A. Grima** " ______*but if he wanted you to confirm facts why should he pushyou back?. He wanted you to confirm his version of facts all right?".*

**A.Rodil** *" Yes I was , close to David Perez", ______to not change the way but he tried to put me in the middle to cover his back, you know? Because he was telling that I was present".*

**(7) Trattazzjoni Finali**:

**L-Avv Thomas Bugeja ghas-socjeta intimata:**

Mis-sottomissjonijiet li ressqet is-socjeta' ntimata gew elenkati numru ta' kazi li gew riferuti bid-dokumentazzjoni fir-rikors promotorju. Minhabba dawn il-kazi rrizulta li r-rikorrent kien inghata numru ta' warnings li fl-ahhar wasslu ghat-tkeccija tieghu.

**L-Avv Bugeja** irrefera ghal charges lir-rikorrent li kienu fuq incidenti ta' spare parts (windscreens) li ma gewx allokati kif suppost u li minhabba f'hekk instab li kien hemm diskrepanzi fl-istores. Intqal ukoll li r-rikorrent kien inghata charge ghax ir-rikorrent ma kienx izomm l-ordni mehtiega fil-back store. Temm it-trattazzjoni tieghu meta irrefera ghall-ahhar incident meta r-rikorrent u David Perez argumentaw fuq affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' l-operat tal-istores u spiccaw jghajjtu ma' xulxin u li r-rikorrent imbotta lil David Perez u li n-nuqqas ta' qbil kien x'tip ta' imbuttatura kienet sehhet, fejn skond il-Bord tad-Dixxiplina din giet riferuta bhala *mild violence*.

**L-Avv Andrew Grima ghar-rikorrent:**

Mis-sottomissjonijiet gew elenkati sensiela ta' akkuzi li r-rikorrent isostni li dawn kienu biss allegazzjonijiet mhux ippruvati u li minhabba l-akkumulu ta' dawn l-akkuzi hu gie mkecci ngustament.

**L-Avv. Grima** jirreferi ghal argument li kien inqala u isemmi li David Perez beda jgholli lehnu kif ukoll li Alberto Rodil fix-xiehda tieghu jghid li ma kienx hemm glied izda kien hemm l-ghajjat.

**L-Avv. Grima** ta spjegazzjoni in generali ta' l-avvenimemti li ghadda minnhom ir-rikorrent; li l-ambjent fuq il-post tax-xoghol kien qieghed jinbidel f'wiehed negattiv meta mpjegati spanjoli li dahlu mas-socjeta' ntimata wara r-rikorrent, inghataw promozzjoni anke ghola minn tieghu u fl-istess perjodu r-rikorrent beda jinghata charges fi spazji qosra sabiex l-akkumulu taghhom seta' jiffacilita t-terminazzjoni mill-impieg tar-rikorrent.

**(8) Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal f'dan il-kaz hares lejn zewg aspetti:

(1) Il-kuntest tal-kaz li rrizulta f'akkuza per se u l-piena li implimentat il-kumpanija; dik ta' terminazzjoni mill-impieg.
(2) Il-punt importanti fejn jitkellem il-ftehim kollettiv fejn tidhol procedura ta' dixxiplina u d-distinzjoni bejn Misconduct u Gross misconduct.

It-Tribunal Industrijali innota ukoll li fil-mori ta' dan il-process issir riferenza ghal zewg affidavits (Doc JM1; Doc RB1) li jikkonfermaw nuqqasijiet varji li kien ikkommetta r-rikorrent matul perjodu ta' zmien.

Dan qieghed jigi osservat mit-Tribunal f'kuntest li s-socjeta' ntimata uriet, permezz tal-proceduri taghha, t-triq sabiex ir-rikorrent seta' jbiddel in-nuqqasijiet teknikici fil-qadi ta' dmirijiertu u ghaldaqstant, it-

Tribunal filwaqt li ha kunsiderazzjoni ghat-twissijiet precedenti, ffoka fuq l-ahhar akkuza u r-rizultat tal-Bord tad-Dixxiplina, kif ukoll l-implimentazzjoni mmedjata tat-terminazzjoni mill-impieg. Dan il-Bord fid-decizjoni tieghu sab lir-rikorrenti hati, izda ikkwalifika l-fatt li filwaqt li r-rikorrent kellu "_______*an element of undue contact . There was however a difference of view on the degree of force or agressiveness used by the* Accused*"*____________________ *However it does not result that* ***the offences were committed to the degree which the charges indicate*** *as no proof of fighting and assault were produced"* (Rif Dok MPT 17).

It-Tribunal Industrijali fl-interpretazzjoni tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina gharaf li l-Bord ghamel distinzjoni fil-gravita' tal-fatti u dan jirrelata bic-car li d-definizzjonijiet li huma elenkati fil-Ftehim Kollettiv, fejn tidhol dixxiplina, jistipulaw meta bil-fatti jigi ppruvat li kien hemm Misconduct jew Gross misconduct. Dawn id-definizzjonijiet jaghtu direzzjoni cara lis-socjeta' ntimata ghal kwalita ta' piena li ghandha tigi implimentata. It-Tribunal Industrijali nnota ukoll li filwaqt li r-rikorrent issottometta appell, id-decizjoni tat-terminazzjoni nghatat qabel l-ezitu tal-appell.
Mill-fatti kollha kif ipprezentati miz-zewg partijiet, kif ukoll mid-dikjarazzjoni moghtija fid-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina, t-Tribunal jikkonferma li l-akkuza kif mahruga mis-socjeta' ma gietx ippruvata fil-livell li kellha twassal ghall-piena imponuta mis-socjeta'.

**(9) Decizjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa in kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet;

It-Tribunal jifhem u jaċċetta ċirkostanzi gravi fejn l-*employer* ikun ġustifikat li jtemm l-impjieg ta' ħaddiem, però ċertament li f'din l-okkażjoni dan ma kienx il-każ.

Fuq il-bażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità fejn kull kastig mogħti għandu jkun f'bilanċ mal-offiża, u tal-fatt li terminazzjoni tal-impjieg fil-kuntest ta' relazzjonijiet industrjali hija meqjusa bħala l-piena kapitali, dan it-Tribunal iħoss li l-kastig mogħti f'dan il-każ partikolari u cjoe' t-temm tal-impjieg, kien wieħed aħrax wisq, u dan meta ma ġewx ikkunsiderati pieni oħra bħal per eżempju sospensjoni mix-xogħol mingħajr ħlas u jew 'demotion'.

F'ambitu ta' dan kollu, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-tkeċċija mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta.

Tenut kont ta' dan, is-soċjetà ntimata għandha tħallas kumpens lir-rikorrent fl-ammont ta' erbat' elef u hames mitt euro €4,500, liema ammont għandu jitħallas mis-soċjetà fi żmien ħmistax –il ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : James Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja